MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 297/2012

**Avv. Emmanuel Mallia (ID-95152M) u Avv. Alex Perici Calascione (ID-589762M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-Istudju Legali Emmanuel Mallia & Associates**

**vs**

**John Muscat – ID241643-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu dikjarazzjoni illi l-konvenut huwa debitur tal-atturi, u ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn mitejn u tlieta u tmenin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€2,283.68c), dovuti ghal servizzi rezi lill-konvenut, u li baqghu ma thallsux nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittri legali tad-29 ta' Dicembru 2010, u tat-28 ta' Novembru 2011, u tal-mandati

kawtelatorji pprezentati sal-ghotja tas-sentenza, u l-imghax legali mis-26 ta’ Awissu 2010, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ elfejn mitejn tlieta u tmenin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€2,283.68c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------